# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 296/01mm**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**John Martin**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm598.00), bilanc ta' somma akbar, liema somma hija dovuta mill-konvenut ghal xoghol u

spareparts li gew fornuti fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess u dana matul dawn l-ahhar xhur fuq il-vetturi tal-konvenut ta' marka Ford Escort Van numri ta' registrazzjoni AAD 367.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 14 ta' Marzu, 2001, u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-Ittra Ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm448.00), pero' zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta' Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenut.